2025/2656

23.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2656

tad-19 ta' Diċembru 2025

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jelenka persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi jew entitajiet assoċjati mar-reġim tal-eks President Saddam Hussein milquta bl-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi u bi projbizzjoni fuq li fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli.

(2) Fid-9 ta' Diċembru 2025, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi persuna fiżika waħda mil-lista ta' persuni u entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar tal-assi.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, Servizzi Finanzjarji u Unjoni tas-Swieq Kapitali

([1]) ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6.

ANNESS

Fl-Anness IV għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003, titħassar l-entrata li ġejja:

"82. Munir Al Qubaysi (magħruf ukoll bħala (a) Munir Al-Kubaysi, (b) Muneer Al-Kubaisi, (c) Munir Awad, (d) Munir A Mamduh Awad). Data tat-twelid: 1966. Post tat-twelid: Heet, l-Iraq. Indirizz: is-Sirja. Nazzjonalità: Iraqi".